MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2010

Talba Numru. 210/2008

Korporazzjoni Enemalta.

Vs

Bonnici Brothers Limited.

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici qed titlob illi s-socjeta’ konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta’ elf, erba mija u tlieta u ghoxrin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€1,423.81), rapprezentanti danni likwidati, kkagunati mis-socjeta’ konvenuta f’cable tad-dawl proprjeta’ tal-Korporazzjoni attrici, li sehhew nhar it-30 ta’ Mejju 2006 fi Triq Hal Far, Birzebbugia, flimkien ma l-imghax legali dekorribbli mill-21 ta’ Novembru 2007 sal-pagament effettiv. Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra bonarja tal-21 ta’ Novembru 2007 kontra s-socjeta’ konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta li eccepiet i. illi fil-mertu, t-talbiet tal-Korporazzjoni attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li s-socjeta' konvenuta ma kellha l-ebda responsabbilta' ta' l-allegat incident; ii. illi fil-mertu wkoll, u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan in vista tal-fatt li din il-materja kienet diga giet trattata mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti tal-Gudikatura Kriminali – fis-sentenzi fl-ismijiet Pulizija vs Mario Bonnici et u Pulizija vs Anthony Vella (decizi t-tnejn nhar il-15 ta' Novembru 2006), fejn il-pulizija ezekuttiva kienet agixxiet fuq kwerela tal-Korporazzjoni attrici u l-Qorti illiberat lid-diretturi u impjegati tas-socjeta' konvenuta minn kwalunkwe responsabbilta' relatata ma l-allegazzjonijiet imressqa mill-istess socjeta' attrici; iii. salv eccezzjonijiet ulterjuri. Bl-ispejjes kontra l-Korporazzjoni attrici.

Sema x-xhieda ta' Joseph Formosa prodott mill-Korporazzjoni attrici.

Sema x-xhieda ta' Mark Cauchi prodott mill-Korporazzjoni attrici.

Sema x-xhieda ta' Eric Montfort prodott mill-Korporazzjoni attrici.

Sema x-xhieda ta' P.S. 645 Gerald Attard prodott mill-Korporazzjoni attrici.

Sema x-xhieda ta' Anthony Vella prodott mis-socjeta' konvenuta.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra.**

Illi l-kaz in ezami jikkoncerna talba ghad-danni allegatament ikkagunati mis-socjeta' konvenuta lill-Korporazzjoni attrici, meta l-istess socjeta' konvenuta

kienet qeghda taghmel xoghol ta' thaffir ta' triq u laqtet cable tad-dawl proprjeta' tal-Korporazzjoni attrici.

Illi minn-naha taghha, l-Korporazzjoni attrici pproduciet diversi xhieda in sostenn tat-talba taghha, u mix-xhieda taghhom, jirrizultaw is-segwenti fatti:-

Fl-ewwel lok, l-incident gara fit-30 ta' Mejju tas-sena 2006, waqt xogholijiet ta' thaffir li kienu qedin isiru mis-socjeta' konvenuta gewwa Hal Far, hdejn l-ETC. Fil-fatt kien il-foreman tas-socjeta' konvenuta stess li avza lill-Korporazzjoni attrici li kien intlaqat cable tad-dawl.

Jirrizulta car illi l-cables li kienu ghaddejjin minn got-triq in kwistjoni kienu gew mmarkati mill-persuni inkarigati biex jaghmlu hekk, u cioe l-impjegati tal-Korporazzjoni attrici, u dan kif titlob is-sengha w l-arti. Fil-fatt Anthony Vella, li huwa l-uniku xhud prodott mis-socjeta' konvenuta jikkonferma testwalment illi '*dawn il-cables kienu kollha mmarkati.*'

Jirrizulta li l-cables in kwistjoni kienu cables antiki, u ma kienux jinstabu erba piedi taht l-art bhas-soltu, izda ftit inqas minn zewg piedi taht l-art. Peress li dawn il-cables kienu antiki, jkunu f'*bundles* ta' cables, u mhux cable wiehed. Skond il-*cable marker* Mark Cauchi, huwa kien spjega dan kollu lil Foreman tas-socjeta' konvenuta, Amante Tonna.

Illi minn-naha taghha s-socjeta' konvenuta pproduciet xhud wiehed jismu Anthony Vella, li kien proprju l-persuna li kien qieghed jaghmel ix-xoghol ta' thaffir fit-triq in kwistjoni meta gara l-incident.

Illi fl-oppinjoni ta' dan it-Tribunal, fix-xhieda tieghu Vella effettivament jammetti t-tort u r-responsabbilta' tieghu, minhabba in-negligenza kbira li huwa wera fix-xoghol tieghu. Fost affarijiet ohra dan ix-xhud xehed testwalment hekk:-

*'…fil-kaz in ezami kien hemm disgha cables kollha jidhru u mbaghad wiehed tahthom li ma jidhirx u fil-fatt kien*

*proprju dak il-cable li ahna lqatna. Dan il-cable kien jinsab ezatt taht id-disgha cables l-ohra…..Meta mbaghad gejna biex inhaffru taht dawn il-cables konna dejjem mohhna fuq il-cables li jidhru u ma rajniex dak li kien qieghed tahthom…..Jiena lqatt il-cable in kwistjoni meta bdejt inqatta l-blat ta' taht il-cables li diga semmejt u cioe dawk id-disgha li kienu ghaddejjin li jiena stajt nara…..Nispjega illi peress li dan il-cable kien qed imiss mad-disgha cables ta' fuqu, jiena kont qieghed naqta' l-blat ezatt tahthom u kien proprju dak il-hin meta lqatt dan il-cable.'*

Illi fil-fehma ta' dan it-Tribunal, fl-ewwel lok, il-kwistjoni tal-fond o meno li kienu jinsabu fih il-cables huwa irrelevanti ghal kollox f'dan il-kaz partikolari, u kull argument f'dan is-sens huwa frivolu ghall-ahhar. Dana ghaliex mix-xhieda ta' Anthony Vella jirrizulta car li alavolja l-cables ma kienux fil-fond kif suppost, meta haffer huwa sabhom minghajr problemi ta' xejn u lanqas biss laqathom f'dak l-istadju. Kien ikun differenti li kieku beda jhaffer u laqathom kollha ghaliex ma kienx qieghed jistenna li jsibhom daqshekk gholjin f'wicc it-triq. Dan pero, assolutament mhuwiex il-kaz, ghaliex kif jirrizulta car, Vella sab il-cables minghajr problemi ta' xejn alavolja kienu izjed 'l fuq milli suppost, u kien biss sussegwentement meta beda jhaffer tahthom li laqat cable li kien ghaddej minn tahthom.

Jirrizulta car ukoll, li Vella lanqas biss indenja ruhu jinvestiga b'ghajnejh is-sitwazzjoni tal-cables ghaddejjin minn hemm sabiex jara ezattament x'kien ghaddej, ghaliex li kieku ghamel hekk, mill-ewwel kien jinduna li kien hemm cable ghaddej ezatt taht imiss mal-cables l-ohra li kienu jidhru sew. Kien jinkombi fuqu li jieqaf u jezamina s-sitwazzjoni.

Oltre dan, jirrizulta car li Vella baqa ghaddej jahdem bl-ingenji kbar tat-thaffir, minnflok ma uza prudenza u attenzjoni specjali u uza makkinarju ta' l-idejn meta beda jhaffer u jaqta l-blat taht il-cables. Fil-fatt kif spjega x-xhud John Formosa, min ikun qieghed ihaffer ikollu struzzjonijet sabiex fejn ikun hemm il-marki tal-cables ghaddejjin, huma jahdmu bl-idejn u mhux bl-ingenji.

Illi rigward l-ammont ta' danni reklamati, t-Tribunal josserva li alavolja saru xi domandi li donnhom jaghtu lok ghal xi kontestazzjoni dwar l-istess, ma gietipprezentata l-ebda eccezzjoni fir-rigward ta' l-ammont tad-danni, u lanqas ma gie ikontestat b'mod konkret. Minn-naha taghha l-Korporazzjoni attrici gabet il-provi neccessarji in sostenn tal-kwantum tad-danni mitluba, u dan it-Tribunal ser jistrieh fuq tali provi.

Fl-ahharnett, fir-rigward tat-tieni eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta jinghad biss illi kif inhu maghruf sew, hawnhekk qedin fil-kamp civili fejn kemm il-grad ta' prova kif ukoll il-kwistjoni ta' responsabbilta' o meno huma differenti minn dawk rikjesti fil-kamp kriminali. Il-fatt li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti tal-Gudikatura Kriminali illiberat lid-diretturi tas-socjeta' konvenuta minn kull responsabbilita' kriminali ghall-incident de quo u ghad-danni kagunati, ma jfissirx li dan ghandu jkollu xi effett fil-kamp civili, peress illi l-process kriminali huwa separat u distint mill-process civili, u l-grad tal-prova rikjest fil-process civili huwa dak meqjus fuq il-grad ta' probabilita' u mhux tac-certezza morali. Fuq din il-bazi tal-grad probatorju mehtieg, dan it-Tribunal huwa sodisfatt li l-atturi ppruvaw in-negligenza tas-socjeta' konvenuta sodisfacentement.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal, filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta' konvenuta, jilqa t-talba attrici u jikkundanna s-socjeta' konvenuta thallas lill-Korporazzjoni attrici s-somma ta' elf, erba mija u tlieta u ghoxrin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€1,423.81), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mis-socjeta' konvenuta.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------